KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

## IS-SEBA’ LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 353**

**T-Tnejn 12 ta’ Marzu, 2018**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa’ fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-sebgħa ta’ filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Alessia Psaila Zammit –Sindku
Is-Sur Julian Borg – Vici Sindku
Dr Mark Anthony Vassallo - Kunsillier
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier
Is-Sin. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier

**ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Keith Galea– Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit ppresidiet il-laqgħa.

**353.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

353.1.1 Ma kienx hemm.

**353.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

353.2.1 Inqraw il-minuti tas-Seduta numru 352. Is-Sindku pproponiet li l-minuti tal-laqgħa numru 352 jkunu approvati bħala korretti. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**353.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

352.3.1 Is-Sindku qalet li rċeviet talba mid-Direttorat tal-PARKS biex jitħawwlu 545 siġra u arbuxelli f'parti minn Wied Hesri. Il-kunsill minn naħa tiegħu jintrabat li jieħu ħsieb il-manutenzjoni taż-żona u t-tisqija tas-siġar għal minn tal-inqas sentejn minn meta' x-xogħol jitwettaq. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**353.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

353.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet

**353.5 Jum is-Siġġiewi post mortem u mixgħela tas-salib tal-gholja**

353.5.1 Saret Diskussjoni fejn intqal li l-attivitajiet b'rabta ma Jum is-Siġġiewi kienu suċċess. Il-Kunsillier Dominic Grech qal li għal darb'oħra jkun tajjeb li tiżdiet il-promozzjoni għal ċertu attivatijiet. B'rabta mal-Mixgħela tas-Salib tal-Għolja is-Sindku qalet li se tkun qed titqassam in-newsletter biex tirriklama din l-attivita filwaqt li ser jitqassmu flyers fil-lokalitajiet tal-madwar.

**353.6 Diskussjoni dwar miżuri ta' sigurta' fi Triq San Nikola.**

353.6.1 Fir-rigward ta' Triq San Nikola, il-Kunsill iddiskuta numru ta' proposti li jinkludu *traffic calming* measures bħal installazzjoni ta' tabelli li juru li t-triq tidjieq u tabelli li jindikaw x'għandu jkun l-ispeed tas-sewqan fiż-żona. Il-Kunsill qabel li jiskattaw diskussjonijiet ma TM filwaqt li jitqabbad espert tat-traffiku biex jistudja f'aktar dettal din iż-żona.

**353.7 Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

353.7.1 Is-segretarju Eżekuttivipprezenta rapport ta' applikazzjonijiet li waslu għand il-Kunsill Lokali.

**353.8 Rapport tal-korrispondenza**

353.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta rapport tal-korrispondenza li waslet għand il-Kunsill fil-perjodu ta' bejn Laqgħa u oħra tal-Kunsill.

**353.9 Ħatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv**

353.9.1 Is-Sindku ipproponiet li terġa tiġġedded in-nomina tas-Sa Ritienne Giorgino. Il-kunsill qabel b'mod unanimu.

**353.10 Approvazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-kumitat ta' evalwazzjoni fuq sejħiet għall-offerti LSC9/18 u LCS57/17**

353.10.1 Is-Segretarju Informa lil Kunsill li l-Kumitat tal-evalwazzjoni iltaqa u qed jipproponi li t-tender b'rabta mas-servizzi ta' Perit jing]ata lis-Sur Neil Felice, u t-tender ghall-gbir tal-iskart jing]ata lil Kumpanija Savioour Mifsud. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu. Is-Segretarju informa lil Kunsill li qabel ma jsir il-kuntratt hemm bzonn li jitlesta l-proccess kollu b'rabta mal-evalwazzjoni eletronika tat-trnders.

**353.11 Rapport tal-ilmenti**

353.11.1 Is-Segretarju pprezenta r-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċeiva bejn it-Tlieta 13 ta' Frar 2018 u l-Erbgha 18 ta' Marzu 2018.

**353.12 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa.**

353.12.1 Il-Kunsillier Nicholas Cassar tkellem dwar il-bżonn li ssir Zebra Crossing fi Triq Dun Manmwel Zammit, Is-segretarju ghandu jitkellem ma Transport Malta.

**353.13 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

353.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku pproponiet li l-pagamenti jkunu approvati mill-Kunsill. Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**353.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

353.14.1 Il-laqgħa intemmet fid-9.00p.m. u s-Sindku pproponiet li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar il-Ħamis 19 ta' April 2018 fil-5.30p.m. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 19 ta' April 2018.

Dr Alessia Psaila Zammit -Sindku

Keith Galea –Segretarju Eżekuttiv